StudentBounty.com

# EŻAMIJIET ANNWALI TAL-ISKOLA PRIMARJA 200

Direttorat għal Kwalità u Standards fl-Edukazzjoni
Taqsima tal-Assessjar Edukattiv

| IR-RABA' SENA | STUDJI SOĊJALI | ĦIN: Siegħa |
|---|---|---|

Isem ___________________________________________

Klassi __________________________________________

TOTAL TAL-MARKI ☐

**AQRA SEWWA DAN LI ĠEJ**:

- Imla ismek u l-klassi.
- TAQLIBX IL-PAĠNA QABEL JGĦIDULEK.
- Qabel tikteb it-tweġiba, ara li tkun fhimt sewwa l-mistoqsija.
- Jekk ma tkunx taf tagħti xi tweġiba, ħalliha vojta u kompli l-oħrajn, imbagħad erġa' ippruvaha fl-aħħar.
- Jekk tieħu żball, ingassah pulit u erġa' ikteb.
- Meta tlesti, erġa' ara l-karta kollha mill-bidu biex tirranġa xi żbalji li jista' jkollok u timla dak li ħallejt barra.

www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

StudentBounty.com

## A: Mexxejja li niltaqgħu magħhom.

**Qabbel dawn li ġejjin billi tikteb numru fil-kaxxi l-vojta.**
(*L-ewwel waħda lesta bħala eżempju*)



| | | | |
|---|---|---|---|
| **1** | *Captain* | | Parroċċa |
| 2 | Sindku | | Għalliema u studenti |
| 3 | Prim Ministru | **1** | Tim tal-Futbol |
| 4 | Kap tal-Iskola | | Parlament |
| 5 | Kappillan | | Kunsill Lokali |

(4 marki)

## B: Sib it-tajba u aqta' sing taħtha.



1. Bejnietna mhux l-ewwel darba li jinqala' nuqqas ta' ftehim; meta jiġri hekk għandi niftakar li:
   - il-ħbieb suppost jaħsbuha bħali dejjem
   - ma tistax tgħaddi dejjem tiegħi
   - għandi naċċetta biss dak li jgħidu l-ħbieb tiegħi
   - l-opinjoni tiegħi għandha tiġi dejjem l-ewwel

2. Waqt il-lezzjonijiet tal-PSD irrid nifhem li:
   - aħjar ma niftaħx ħalqi għax nista' naqa' għaċ-ċajt
   - jitkellem l-għalliem biss, mhux nitkellmu aħna l-istudenti
   - mhux bilfors nagħti ċans lil ħaddieħor jgħid tiegħu
   - ma jistax ikun nitkellem dejjem jien biss

3. Meta nkunu qegħdin niltaqgħu għal xi biċċa xogħol fi grupp, kulħadd għandu:
   - imur għal-laqgħat biss meta jkollu aptit
   - jasal fil-ħin għal-laqgħat
   - jara li jsir biss dak li jgħid hu
   - jagħżel biss suġġett li jogħġob lilu.

(3 marki)



## Ċ: Ikteb il-persuna fil-kaxxa t-tajba.

**Agħżel minn dawn li ġejjin:**
*Il-pulizija, It-tabib, Il-qassis, Il-pustier, L-għalliem*

| | | |
|---|---|---|
| 1 | | jgħallimna niktbu, naqraw u ngħoddu |
| 2 | | jara li kulħadd jobdi r-regoli tal-pajjiż |
| 3 | | jinkoraġġina ngħixu ħajja tajba |
| 4 | | iqassam l-ittri fid-djar tagħna |
| 5 | | jgħinna nieħdu lura saħħitna meta nimirdu |

(5 marki)

www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

## D: Mezzi ta' komunikazzjoni

**Wieġeb billi tkompli dawn is-sentenzi:**



1. Nista' nuża t-telefon biex

_______________________________________________ (2)

2. Nista' nikteb *email* biex

_______________________________________________ (2)

3. Permezz tat-televixin nista' nkun naf

_________________________________________________________________ (2)

4. Permezz tal-gazzetti nista'

_________________________________________________________________ (2)

(8 marki)

## E: Wieġeb.

**(i) Imla l-vojt**

(a) X'jissejjaħ l-istrument li qed tara fl-istampa?

_______________________________________________ (1)

(b) Għalfejn nużaw dan l-istrument?

_______________________________________________ (1)




**(ii) Aqta' sing taħt it-tajba.**

(a) Biex inkejlu t-temperatura nużaw (it-termometru, l-anemometru, il-pluvjometru, il-pinnur). (1)

(b) Biex inkejlu s-saħħa tar-riħ nużaw strument li jissejjaħ (termometru, anemometru, pluvjometru, pinnur). (1)

(ċ) Biex inkejlu kemm tkun għamlet xita nużaw (it-termometru, l-anemometru, il-pluvjometru, il-pinnur). (1)

(Total tal-Eżerċizzju E = 5 marki)

StudentBounty.com
www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

## F: Wieġeb bil-għajnuna tal-pjanta.




1. Bertu beda miexi lejn il-**knisja**; lejn liema direzzjoni sejjer?

   ______________________________________ (1)

2. Bertu sejjer il-**baħar**. Lejn liema direzzjoni sejjer?

   ______________________________________ (1)

3. Bertu sejjer l-**għalqa**. Lejn liema direzzjoni sejjer?

   ______________________________________ (1)

4. Lejn liema direzzjoni jrid imur Bertu biex imur il-grawnd tal-futbol?

   ______________________________________ (1)

5. Issa fadal erba' direzzjonijiet oħra. Dawn huma: **LBIĊ, MAJJISTRAL, XLOKK u GRIGAL**. Ikteb dawn l-erba' direzzjonijiet fil-kaxxi li hemm fil-pjanta. (4)

(Total tal-Eżerċizzju F = 8 marki)

StudentBounty.com
www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

StudentBounty.com

**Ġ**: **Wieġeb billi tuża l-kliem tal-lista li hemm fil-kaxxa.**



**Lista**:

foresti mergħat
muntanji baħar
deżert widien

1. Semmi **tnejn** mil-lista li ma nsibux fil-Gżejjer Maltin:

   (a)________________________ (b)____________________________ (2)

2. Semmi **tnejn** mil-lista li nsibu fil-Gżejjer Maltin jew madwarhom.

   (a)________________________ (b)____________________________ (2)

3. Sib kelma waħda mil-lista li tfisser **ħafna siġar f'post wieħed**:

   ____________________________________________________ (2)

4. Issa semmi żewġ tipi ta' **deżert** li nistgħu niltaqgħu miegħu:

   (a)________________________ (b)____________________________ (2)

(Total tal-Eżerċizzju Ġ = 8 marki)

**G**: **Qabbel dawn li ġejjin billi tikteb l-ittri a, b, ċ, d fil-kaxxi l-vojta li hemm fin-nofs**:

| | | | |
|---|---|---|---|
| a | Bus Terminus | | Port il-Kbir |
| b | Ajruport | | Bieb il-Belt |
| ċ | Freeport | | Gudja |
| d | Sea Terminal | | Birżebbuġa |





(4 marki)

www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

StudentBounty.com

## GĦ: Wieġeb billi jew taqta’ sing taħt it-tajba jew timla l-vojt:

1. Fl-istampa jidher (il-Grawnd Ta’ Qali, il-Freeport, l-Ajruport, il-korsa taż-żwiemel). (1)



2. X’qed tara fl-istampa? (kontejners, ħelikopters, xarabanks, karozzi) (1)

3. L-istampa turi STAZZJON ĊENTRALI f’Malta. Ikteb sentenza biex turi kif dan il-post huwa importanti għal pajjiżna.

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________ (3)

(Total tal-Eżerċizzju GĦ = 5 marki)

## H: Wieġeb billi taqta’ sing taħt it-tajbin:



1. It-temperatura barra llum hija 5 gradi Ċelsius. X’taħseb li għamlet Rita?
   (a) marret tgħum
   (b) libset ġakketta ħoxna
   (ċ) libset ix-xorts
   (d) libset is-sandli

2. It-temperatura llum telgħet 30 grad Ċelsius. X’taħseb li għamlu t-tfal tal-klassi?
   (a) xegħlu l-fannijiet
   (b) libsu l-kowtijiet
   (ċ) xegħlu l-ħiter
   (d) għalqu t-twieqi

3. Fil-ħarifa bosta siġar li għandna Malta:
   (a) iwaqqgħu z-zkuk kollha
   (b) iwaqqgħu l-weraq tagħhom
   (ċ) itellgħu l-weraq
   (d) jiftħu l-fjuri

4. Fis-sajf fejn taħseb li tara ħafna nies?
   (a) magħluqin ġewwa
   (b) maġenb il-baħar
   (ċ) fil-kampanja
   (d) ħdejn il-*fireplace* (4 marki)

www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

StudentBounty.com

**Ħ**: **Ikteb dawn il-kelmiet li ġejjin taħt l-istampa t-tajba**:

*mappa ta' Malta, ritratt tal-pjazza, mappa ta' rħula Maltin, pjanta tal-kamra tiegħi, mappa ta' Għawdex u Kemmuna*





1. ____________________________ 2.______________________________






3. ____________________________ 4. ____________________________




5. ______________________________

(5 marki)

www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

**I: Ikteb dawn li ġejjin fil-kaxxa tagħhom fuq il-mappa:**

*il-Belt Valletta* *ir-Rabat (Victoria)* *art* *baħar*



(4 marki)

**J: Ikteb sentenza dwar x'jista' wieħed jara <u>interessanti</u> meta jmur iżur dawn li ġejjin:**

1. il-Belt Valletta: ______________________________________________
   ______________________________________________ (2)

2. ir-Rabat (Victoria): ______________________________________________
   ______________________________________________ (2)

3. il-belt jew raħal fejn noqgħod: ______________________________________________
   ______________________________________________ (2)

(Total tal-Eżerċizzju J = 6 marki)

StudentBounty.com
www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

StudentBounty.com

**K: Ikteb dawn li ġejjin fil-kaxxa tagħhom skont il-mappa**:

*Madrid, Ruma, Tuneż, Tripli, Ateni, Ankara, Alġier, Pariġi*



(8 marki)

**L: Wieġeb bil-għajnuna tal-istampa**.

Fl-istampa jidher il-monument li għamilna lil **Dun Karm Psaila**. Il-monument qiegħed il-Furjana fit-triq prinċipali li tagħti għall-Belt Valletta.




Ikteb żewġ sentenzi biex turi l-importanza ta' Dun Karm għalina l-Maltin.

(a) ____________________________________________

____________________________________________

____________________________________________ (2)

(b) ____________________________________________

____________________________________________

____________________________________________ (2)

(Total tal-Eżerċizzju L = 4 marki)

www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

StudentBounty.com

**M: Ħares lejn dawn iż-żewġ stampi, imbagħad wieġeb**:



Stampa A




Stampa B

**Aqra**: **Stampa A** turi l-monument lil Dun Mikiel Xerri. Taħt il-monument, in-naħa t'isfel, hemm miktub: **LIL DUN MIKIEL XERRI U SĦABU**. Il-monument qiegħed fi Pjazza Indipendenza fil-Belt Valletta.

**Stampa B** turi tabella tal-irħam ma' ħajt ta' dar fil-Belt Valletta; f'din id-dar kien joqgħod Dun Mikiel Xerri. It-tabella mhux qiegħda bogħod mill-monument.

**Wieġeb**:

1. Dun Mikiel Xerri kien **patrijott**. Il-kelma **patrijott** tfisser:
   (a) qassis
   (b) patri
   (ċ) iħobb ħafna lil pajjiżu
   (d) iħobb l-isports (1)

2. Liema stampa turina li, minbarra Dun Mikiel Xerri, kien hemm **patrijotti** oħra Maltin? ______________________________________________ (1)

3. Dun Mikiel Xerri twieled Ħaż-Żebbuġ imma għex għal bosta snin fil-Belt Valletta. Liema stampa turina li Dun Mikiel Xerri għex għal 22 sena fil-Belt Valletta? ______________________________________________ (1)

4. Għaliex taħseb li għandna nistudjaw u naqraw dwar Dun Mikiel Xerri u sħabu?

   ______________________________________________

   ______________________________________________ (4)

(Total tal-Eżerċizzju M = 7 marki)

www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

StudentBounty.com

**N:** **Aqra dan li ġej. Imbagħad wieġeb billi taqta' sing taħt it-tajba**.

Fl-istampa tidher il-belt qadima ta' Malta. Meta ġie Malta l-Konti Ruġġieru fis-sena 1091 W.K. din kienet il-belt kapitali tal-Gżejjer Maltin.



1. Il-belt kapitali ta' Malta meta ġie l-Konti Ruġġieru kienet (l-Isla, il-Birgu, l-Imdina, il-Mellieħa). (1)
2. Il-Konti Ruġġieru kien il-Kap (tan-Normanni, tal-Maltin, tal-Għarab, tat-Taljani). (1)
3. Meta ġie Malta l-Konti Ruġġieru rebaħ (lill-Għarab, lit-Taljani, lill-Ingliżi, lill-Franċiżi). (1)
4. Il-Konti Ruġġieru u sħabu kienu ta' reliġjon (Nisranija, Musulmana, Protestanta, Buddista). (1)
5. Ikteb sentenza dwar x'inbidel f'Malta wara l-miġja tal-Konti Ruġġieru.

______________________________________________________________

____________________________________________________________ (2)

(Total tal-Eżerċizzju N = 6 marki)

**O:** Ikteb TLIET sentenzi dwar: **Drawwiet marbuta mal-Milied f'Malta**.

______________________________________________________________

______________________________________________________________

______________________________________________________________

______________________________________________________________

______________________________________________________________

______________________________________________________________

______________________________________________________________

______________________________________________________________

______________________________________________________________

______________________________________________________________

______________________________________________________________

______________________________________________________________

(6 marki)

www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers